**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 768/97

Anthony Buhagiar

vs

Chairman Casma Ltd.

Illum 5 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn l-1987 u l-1995 ir-rikorrent irceva trattament ingust fl-impieg tieghu fil-Casino u b'konsegwenza sofra danni kbar.

Illi r-rikorrent beda jahdem fil-Casino fl-1970 bhala Receptionist. Wara, gie trasferit ghal Public Relations Department, u wara, inhatar Manager of Bingo Hall. Fl-1987 gie trasferit ghall-Administration izda ghamel sena ma jaghmel xejn. Fl-1988 inhatar Acting Bingo Manager, u wara, inhatar bhala Marketing Manager. Fis-sena ta' wara, tnehha minn dik il-kariga, u ghaliha gie impjegat wiehed minn barra l-kumpanija. Ir-rikorrent kellu jaccetta taht protesta l-post ta' Senior Head

Receptionist. Fl-1990 offrewlu l-post ta' Marketing Assistant, allavolja qabel huwa kellu l-kariga ta' Marketing Manager. Fl-1991 inhatar haddiehor bhala Marketing Manager u r-rikorrent rega' ghamluh Senior Head Receptionist.

Illi r-rikorrent gie mcahhad mill-hlas adegwat ta' xoghol 'overtime', u filwaqt li l-Middle Management jippartecipa fit-Tronc, ir-rikorrent ma kienx jiehu sehem mit-Tronc.

Illi filwaqt li l-Managers kull sena jinghataw zieda, ir-rikorrent ma kienx jinghata zieda, hlief dik tal-'cost of living increase', mill-1989 'l quddiem.

Illi t-trattament li r-rikorrent ircieva fil-perjodu imsemmi kien ingust u diskriminatorju.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija u jiddikjara li r-rikorrent kien ittrattat ingustament mill-Casma Ltd fis-snin bejn il-1987 u l-1995, u li r-rikorrent ghandu jinghata rimedju billi jinhatar minghajr aktar dewmien fil-kariga ta' Marketing Manager, u li r-rikorrent jinghata kumpens xieraq ghat-telf li sofra billi jinghata l-ammont ta' Lm5000 b'kumpens ghad-danni li sofra mhabba l-ingustizzji msemmija li garrab.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament dan t-Tribunal huwa inkompetenti ai termini tal-Artikoli 5 u 6 tal-Att VIII tal-1997, stante li l-istess rikorrent, bi ftehim mas-socjeta esponenti, dejjem accetta il-posizzjonijiet tieghu u di piu' permezz ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet datat 29 ta' Jannar 1991, kull pendenza bejn il-partijiet giet transatta per saldo, anke tramite ir-rappresentanti tal-G.W.U., u bhala tali giet accettata mill-istess rikorrent, li rcieva l-hlas *ex gratia* offrut lilu bla ebda riservi u in full and final settlement.

2. Illi di piu' u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li apparti dak premess, l-istess rikorrent bl-ebda mod ma usufruixxa mill-proceduri kollha lilu disponibbli sabiex iressaq l-ilmenti tieghu anzi accetta u qabel dejjem mad-decizjonijiet tal-istess socjeta' esponenti, kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-istess rikors.

3. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, it-talbiet tar-rikorrent huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istess rikorrent dejjem ircieva, u huwa accetta il-paga lilu spettanti, li b'effett mit-3 ta' Frar 1988 kienet ta Lm350 fix-xahar, kemm bhala Acting Bingo Manager, kif ukoll b'effett mill-21 ta' Dicembru 1988 b'allowance ulterjuri ta' Lm20 ghal ivvjaggar; u appuntu fid-29 ta' Jannar 1991, ircieva per saldo hlas ulterjuri ta' Lm1,250, kif jirrizulta ukoll mill-annessi dokumenti.

4. Illi peress li l-post ta' Marketing Manager giet resa redundant, is-socjeta esponenti offriet lir-rikorrent il-post ta' Senior Head Receptionist, li kariga giet accettata mill-istess rikorrent, b'salarju xorta ta' Lm350 fuq bazi personali, u li ha in konsiderazzjoni ukoll zidiet li setghu inghataw fil-futur.

5. Illi fis-7 ta' Marzu 1996 ir-rikorrent inghata l-kariga ta' Slots Palace Manager bl-istess salarju li kellha l-persuna precedenti, u ovvjament b'zieda ta' paga ghalih. F'Novembru/Dicembru 1996 ir-rikorrent ressaq l-ilment tieghu lic-Chairman odjern u membri ohra tal-Management, li permezz ta' dokumenti relattivi urewh illi s-salarju tieghu kien proprio dak tal-persuna li huwa issucida fl-istess kariga, u ghalhekk ippruvaw li l-ilmenti tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Mistoqsi specifikament ghaliex jekk kellu xi lment qajmu biss issa, l-istess rikorrent irrisponda li kien qed jistenna li jinbidel il-Gvern, u la darba dan sar u ma ha xejn, skond hu, ghazel ghalhekk li jaghmel din il-procedura odjerna, li hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, kif esposta iktar il-fuq.

6. Illi ghalhekk a bazi tal-premess, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu stante li huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa dejjem ircieva s-salarju dovut lilu, anke b'zidiet addirittura anticipati u ukoll ircieva per saldo kull ammont li setgha kien lilu dovut, kemm skond u anke oltre l-grad tieghu, apparti l-fatt li fil-posizzjoni tieghu qatt ma kien intitolat ghat-Tronc.

7. Illi a bazi tal-premess, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess, u bla pregudizzju ghall-premess, anke dik fejn qed jigi mitlub li jinghata l-kariga ta' Marketing Manager, kemm minhabba r-ragunijiet premessi, kif ukoll stante li r-rikorrent wasal biex jittermina definitivament l-impieg tieghu.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni kompetenti lilir-rikorrenti kontra r-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent jirrigwardaw:

- ✓ il-hatra jew hatriet ghad-diversi gradi msemmija;
- ✓ talba ghall-overtime li tilef;
- ✓ ilment dwar iz-zieda ta' kull sena.

Fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999, it-Tribunal qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn

ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur

f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta’ Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta’ Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta’ Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta’ Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances”, fil-kaz ta’ George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta’ Malta deciz fit-28 ta’ Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta’ medalja, fil-kaz ta’ Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta’ Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta’ Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta’ hlas ta’ paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Illi ghalhekk l- l-ewwel ilment tar-rikorrent riferibbli ghal hatra jew hatriet huwa ta' kompetenza tat-Tribunal. Dan hu specifikament imsemmi fl-artikolu 6 (1) (b) tal-Att VIII tal-1997. Ghalhekk dwar dan l-aspett it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar l-"overtime" fil-kawza "Debono Charles vs Direttur Generali tal-Edukazzjoni" deciza fid-9 ta' Gunju 2000, it-Tribunal qal li ma hux kompetenti "ratione materiae" biex jezamina kazijiet ta' ilmenti dwar hlas ta' arretrati ta' paga, overtime u allowances jekk tali nuqqas ma jkunx konsegwenza li bniedem gie imcahhad minn hatra jew gie trasferit ingustament. Ara wkoll Mizzi Alessio vs Ufficjal inkarigat mill-Ufficcju Elettorali 24/1/2001, u Emmanuel Camilleri vs Direttur Generali MPO. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett hi milqugha.

Dwar l-aspett tal-ilment fuq zieda, dan ukoll ma hu imsemmi imkien fl-Att VIII tal-1997 u ghalhekk dwaru wkoll it-Tribunal jiddikjara lilu nnifsu inkompetenti "ratione materiae" u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Ghalhekk it-Tribunal jordna li l-provi tar-rikorrent jigu limitati ghall-aspett tal-hatra jew hatriet biss. Jiddifferixxi l-kawza ghall-24 ta' Mejju, 2001.